A.L. 67 ta' l-1993

ORDINANZA DWAR IL-KUMMISSARJU TA' L-ARTIJIET (KAP. 169)

Ordni ta' l-1993 dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet, il-President ta' Malta għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1993 dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet).

Art speċifikata.

2. L-art deskritta fl-artiklu 4 ta' dan l-ordni hi b'dan speċifikata għall-finijiet tal-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet.

Jum stabbilit.

3. Id-drittijiet u r-responsabbiltajiet rigward l-art speċifikata fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni għandhom b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 1993 jitwettqu mill-Korporazzjoni għal Żvilupp ta' Malta kif provdut fl-imsemmi artiklu.

Deskrizzjoni.

4. L-art imsemmija fl-artiklu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

(1) Biċċa art f'San Ġwann, limiti ta' Birkirkara, flimkien mal-bini hemmhekk mibni li tidher delineata bl-aħmar fuq il-pjanta L.D. 6/92/1.

(2) Biċċa art f'Ħal Far, limiti ta' Birżebbuġa, flimkien mal-bini hemmhekk mibni li tidher delineata bl-aħmar fuq il-pjanta L.D. 9/92/1.

(3) Biċċa art f'Ħal Far, limiti ta' Birżebbuġa, flimkien mal-bini hemmhekk mibni li tidher delineata bl-aħmar fuq il-pjanta L.D. 9/92/2.

(4) Biċċa art f'Ħal Far, limiti ta' Birżebbuġa, flimkien mal-bini hemmhekk mibni li tidher delineata bl-aħmar fuq il-pjanta L.D. 9/92/3.

(5) Biċċa art f'Ħal Far, limiti ta' Birżebbuġa, flimkien mal-bini hemmhekk mibni li tidher delineata bl-aħmar fuq il-pjanta L.D. 9/92/4.

(6) Biċċa art f'Kordin, limiti ta' Raħal Ġdid, flimkien mal-bini hemmhekk mibni li tidher delineata bl-aħmar fuq il-pjanta L.D. 10/92.

(7) Biċċa art f'Rikażli, limiti tal-Kalkara, flimkien mal-bini hemmhekk mibni li tidher delineata bl-aħmar fuq il-pjanta L.D. 5/92.

Il-pjanti L.D. 6/92/1, L.D. 9/92/1, L.D. 9/92/2, L.D. 9/92/3 u L.D. 9/92/4 huma transunti fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli permezz ta' l-att datat 30 ta' April, 1993. Il-pjanta L.D. 10/92 hija transunta fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli permezz ta' l-att datat 3 ta' Ġunju, 1992 filwaqt li l-pjanta L.D. 5/92 hija transunta fl-atti tan-Nutar Vincent Miceli permezz ta' l-att datat 30 ta' Marzu, 1992.